PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0153(CNS)

20.9.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar l-ilqugħ mill-ġdid
(COM(2007)0438 – C6-0298/2007 – 2007/0153(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Edith Mastenbroek

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar l-ilqugħ mill-ġdid
(COM(2007)0438 – C6-0298/2007 – 2007/0153(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0438)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6 0298/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6 0000/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Serbja.

[1] Għadha mhix ippublikata fil-ĠU

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) japprova l-konklużjoni ta' żewġ ftehimiet interdipendenti u paralleli mas-Serbja dwar l-ammissjoni mill-ġdid u l-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra. Il-Kumitat jilqa' dawn il-ftehimiet, li flimkien mal-Kodiċi dwar il-Viżi li se joħroġ dalwaqt, l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u aktar koperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern se jestendi zona ta' libertà u sigurtà li tmur lil hinn mill-UE. Dawn huma wkoll riżultati konkreti tar-relazzjonijiet mtejba bejn is-Serbja u l-UE minn mindu ħa l-poter il-gvern il-ġdid Serb.

Il-Kumitat jemmen li fl-ispirtu ta' impenn u sjieda konġunti, l-UE u s-Serbja jistgħu effettivament jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili billi jinkoraġġixxu kuntatt aktar faċli u l-ivvjaġġar tan-nies bejn iż-żewġ partijiet kontraenti. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' d-deċiżjoni preċedenti ta' l-awtoritajiet Serbi li jneħħu r-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-UE u huwa ta' l-opinjoni li l-Unjoni Ewropea għadha tfittex risposta xierqa għal dik id-deċiżjoni.

Il-Parlament Ewropew, kif iddikjarat fir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-Serbja, jitlob lill-Kunsill biex, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistabbilixxi pjan direzzjonali konkret għall-ivvjaġġar mingħajr il-viża u biex jadotta miżuri ta' appoġġ mfassla biex iżidu l-opportunitajiet ta' vjaġġar għal proporzjon ikbar taċ-ċittadini, b'mod partikulari żgħażagħ. Jenfasizza l-importanza tal-mobilità għall-iżvilupp politiku u ekonomiku tas-Serbja, ladarba l-mobilità toffri lin-nies l-opportunità li jiksbu esperjenza diretta ta' l-UE u tiffaċilita l-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea tas-Serbja; jistieden iktar parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u proġetti ta' skambju kulturali; jistieden lill-Kunsill biex iqis it-twaqqif ta' sistema komuni għall-immaniġġjar ta' applikazzjonijiet għall-viżi b'tali mod li jħaffef il-piż fuq il-konsolati l-aktar mħabbta u jiżgura li l-applikazzjonijiet ikunu pproċessati fi skadenzi raġonevoli.

Għad hemm ukoll lok għal titjib min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tniedi kampanja ta' informazzjoni u biex issib mezzi jew modi biex tagħmel l-informazzjoni kollha meħtieġa faċilment aċċessibbli għall-vjaġġaturi kollha fid-dawl ta' dawn il-ftehimiet u oħrajn konklużi. S'issa lanqas is-sit tal-Kummissjoni ma fih informazzjoni sistematika u trasparenti dwar dan is-suġġett.

Huwa rakkommandat bil-qawwa li l-kumitat li qed jimmoniterja l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea nfisha jidentifikaw kwalunkwe xkiel assimetriku li jista' jxekkel ir-reċiproċità tal-proċeduri u jsir ostakolu għall-vjaġġaturi kemm fil-konsolati u kemm fil-fruntieri. B'mod partikulari irid isir studju dwar jekk l-esternalizzazzjoni parzjali tas-servizzi konsulari għall-viżi jistax ikollha impatt fuq l-aċċessibilità u possibbilment żieda, mhux mixtieqa, tal-prezz tal-viżi jew li toħloq fenomenu ta' "visa-shopping".

Finalment, il-Kumitat LIBE jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni dwar ir-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-ftehimiet.